**Iz-Zekka ta’ Malta**

Ftit li xejn nafu dwar l-ewwel zekka f’Malta qabel żmien il-Granmastru La Vallette. U anki dwar l-ewwel snin ta’ dan, ma nstab xejn għajr ftit tilqit ta’ tagħrif. Bosio, fil-ktieb tiegħu “Storia della Sacra Religione” li nkiteb fis-sena 1684 jgħidilna li l-Imgħallem taz-Zekka fl-1566 (ftit wara l-Assedju l-Kbir) kien wieħed Fjaming jismu Simon Prevost. Dan kien naqax u stampa l-muniti speċjali u l-midalji li kienu tqiegħdu ġo ġarra tar-ram taħt il-ġebla tas-sisien tal-belt il-ġdida ta’ Valletta.

Lanqas ma nafu fejn kien is-sit ta’ l-ewwel zekka ta’ l-Ordni ta’ San Ġwann f’Malta. Madankollu, l-istoriċi tan-numiżmatika jemmnu li għall-ewwel din kienet aktarx tinstab jew fil-Forti ta’ Sant’Anġlu jew il-Birgu (Vittoriosa). Ftit wara l-1573, iz-Zekka ttieħdet fit-torri tal-Palazz tal-Granmastru ġol-Belt. Imbagħad, wara l-1604, hi kienet tqiegħdet fi Triq San Bastjan ġo Valletta, li llum hi magħrufa bħala Triq iz-Zekka. Fl-1778, iz-Zekka reġgħet iċċaqalqet, dejjem għal ġewwa l-Belt stess, din id-darba lejn il-“Conservatoria” (illum il-Librerija Rjali ta’ Malta), fejn baqgħet sakemm żarmat fl-1800.

Fi żmien il-Kavallieri, il-Granmastru nnifsu kien responsabbli għall-ħatra ta’ l-Imgħallem taz-Zekka, li, min-naħa tiegħu, kellu ġurisdizzjoni fuq l-arġentiera kollha ta’ Malta.

Bejn l-1722 u l-1727, il-Granmastru Antonio Manoel de Vilhena (1722-1736) stampa mhux inqas minn 200,000 Zekkin, iżda dawn ma damux ma bdew jgħibu miċ-ċirkulazzjoni billi, jew minħabba l-preġudizzju, jew inkella minħabba n-nuqqas ta’ ħila fis-sengħa tal-finanzi, huma kienu nħarġu bi prezz taħt il-valur tassew tagħhom meta mqabblin mal-muniti tad-deheb barranin, li l-valur tagħhom kien għola fuq is-suq. Għadd kbir ta’ dawn iz-Zekkini kien inbiegħ barra, l-aktar f’Napli u fi Sqallija, fejn id-deheb kien jitqies b’valur ogħla minn ta’ Malta, u fejn iz-Zekkini Maltin kienu ddewbu bi qliegħ. Sadanittant, Vilhena kien bidel għal kollox il-flus tal-fidda billi ħareġ denominazzjonijiet ġodda, u billi l-istandard tal-fidda kien tgħolla wkoll, l-ispekulaturi setgħu jagħmlu ħafna qliegħ mill-bejgħ barra anki tal-muniti tal-fidda ta’ l-Ordni.

Biex trażżan il-ħruġ bla heda ‘il barra minn Malta tal-muniti ta’ l-Ordni, iz-Zekka ġiet ordnata li tieqaf milli tistampa z-Zekkini, u fl-1730 l-esportazzjoni tad-deheb u tal-fidda lokali ġiet ipprojbita għal kollox. Dawn il-miżuri ħadmu sa ċertu punt sa ma miet Vilhena f’Diċembru ta’ l-1736. Iżda sentejn wara l-elezzjoni tal-Granmastru Ramon Despuig (1736-1741) reġa’ nstab li l-muniti tal-fidda taż-2 skudi u ta’ l-iskud kienu qegħdin jew jinbiegħu barra mill-ispekulaturi jew jiddewbu mill-arġentiera lokali. Minkejja t-twaħħil mill-ġdid ta’ multi kbar u ta’ pieni aktar ħorox lil dawk li kienu jesportaw jew idewbu l-flus, il-muniti tal-fidda komplew jgħibu miċ-ċirkulazzjoni. F’Marzu u f’April 1738, Despuig ġabar miċ-ċirkulazzjoni l-muniti tal-fidda kollha ta’ l-Ordni, u għamel bihom muniti ġodda ta’ inqas titlu, biex b’hekk l-ispekulaturi ma baqax jaqblilhom jesportawhom. Għalkemm din il-miżura drastika ffrankat lill-Ordni l-għejbien sħiħ minn Malta tal-muniti tal-fidda tal-Kavallieri, u żiedet l-għadd tal-muniti, hi wasslet ukoll għall-qirda ta’ għadd kbir tal-muniti tal-fidda ta’ Vilhena li kienu tant maħdumin b’mod sabiħ.

F'Marzu tas-sena ta' wara, ukoll minħabba n-nuqqas ta' sengħa fil-ħwejjeġ finanzjarji, l-Ordni wettqet żball gravi meta qabdet u għolliet il-valur tal-muniti barranin filwaqt li ħalliet kif kienet ir-rata taz-Zekkin, li kienet il-munita l-ewlenija ta' Malta. Minnufih, kulħadd qabad jesporta l-muniti tad-deheb u tal-fidda ta' l-Ordni hekk li fi żmien qasir il-flus ta' Malta saru tista' tgħid jikkonsistu biss fil-għadd esaġerat ta' muniti fiduċjariji tar-ram li dak iż-żmien kienu jiswew 100% inqas mill-valur nominali tagħhom.

Meta Emmanuel Pinto (1741-1773) laħaq Granmastru, hu sab ma' wiċċu nuqqas kbir ta' muniti tad-deheb u tal-fidda, u għalhekk stampa malajr għadd sabiħ ta' Zekkini, li, billi ma kinux intgħoġbu minħabba t-titlu fqir tagħhom, hu imbagħad neħħiehom biex ħareġ minn flokhom id-denominazzjonijiet ġodda ta' l-10 u tal-5 Skudi (l-Ilwiġ, u n-Nofs Ilwiġ). Għalkemm Pinto ħareġ ukoll id-denominazzjonijiet ġodda tal-fidda tat-30 u tal-15 irbiegħi (l-Uqija u n-Nofs Uqija), ma rnexxilux ireġġa' lura l-fiduċja fil-flus ta' l-Ordni. Billi ma setax isib tarf ta' din il-problema, fl-1762 jew 1763 hu talab il-parir siewi ta' Zanobio Paoli, li qabel kien l-Imgħallem taz-Zekka ta' Firenze. Meta Paoli wasal Malta hu sab iz-Zekka f'qagħda tal-biki u għalhekk, f'kitba mirquma msemmija "Trattato della Zecca" miktuba ftit wara l-wasla tiegħu, hu ressaq bosta rakkomandazzjonijiet fosthom il-ħruġ ta' denominazzjonijiet ġodda, l-istampar ta' Zekkini ġodda ta' 22 ½ karat, u t-tneħħija tal-muniti tar-ram fiduċjarji.

Sfortunatament, ma tinsab ebda xhieda ta' x'miżuri setgħu ittieħdu sabiex tiġi riorganizzata mill-ġdid iz-Zekka wara r-rapport ta' Paoli matul il-ħakma ta' Pinto. Minbarra l-kotra ta' ħarġiet ta' ċerti denominazzjonijiet u l-introduzzjoni ta' l-20 Skud tad-deheb jew Ilwiġ doppju fl-1764, ftit li xejn jidher li kien ġie adottat mir-rapport ta' Paoli, u z-Zekka lokali baqgħet taħdem b'telf. Matul is-saltna qasira tal-Granmastru Francisco Ximenes de Texada (1773-1775), l-affarijiet baqgħu sejrin ħażin bħalma kienu, kif jidher mill-fatt li fl-1774 il-Kummissarji taz-Zekka liemu lill-Imgħallem taz-Zekka għall-kwalita' fqira tal-metall tal-munita u għan-nuqqas ta' fiduċja fiha. Fil-fatt, matul il-perjodu 1766-1776 l-istampar tal-muniti kien wieħed bla ħsieb ta' xejn, li r-rendikonti taz-Zekka juru telf ta' ftit aktar minn 2,446 Skud.

Fl-1777 it-Teżor ta' l-Ordni, sabiex jirriorganizza z-Zekka u ma jħallihiex tibqa' taħdem b'telf, qatagħha li jadotta r-rakkomandazzjonijiet ta' Paoli fejn jidħlu l-metodi tax-xogħol u l-bosta dmirijiet tal-ħaddiema ta' dak l-istabiliment. Sabiex jerġgħu inisslu l-fiduċja fil-munita ta' l-Ordni, saret ir-rakkomandazzjoni li l-munita l-ewlenija tad-deheb, iz-Zekkin, jerġa' jingħatalha t-titlu oriġinali tagħha ta' 22 ½ karat u l-użin ta' 3 1/6 dinieri, u li l-valur tagħha jkun regulat minn żmien għal żmien skond ir-rata tax-xiri tad-Dubluni Spanjoli miz-Zekek ta' Napli u ta' Palermo. Il-munita tal-fidda l-ewlenija, l-Iskud Malti, kellha wkoll titreġġa' għat-titlu ta' 10 uqijiet u 12-il gran fidda fina għal kull libbra, u l-Kummissarji kellhom ukoll joħorġu minn żmien għal żmien tariffa bil-prezz tax-xiri tal-muniti barranin. Fost ħwejjeġ oħrajn, ġie rrakommandat ukoll li jitneħħew miċ-ċirkulazzjoni l-muniti ta' kwalita' fqira ta' metall maħruġin minn Pinto u l-muniti fiduċjarji tar-ram.

Ħafna minn dawn ir-rakkomandazzjonijiet, għalkemm approvati mill-Granmastru Emmanuel de Rohan (1775-1797), ħadd ma ta kashom; ngħidu aħna, iz-Zekkini ta' Pinto baqgħu ma tneħħewx, u kulma sar dwar il-muniti tar-ram kien biss li dawn ġew kontromarkati sabiex ma jiffalsifikawhomx. Madankollu, nafu fiċ-ċert li xi miżuri u bidliet meħtieġa għat-tmexxija taz-Zekka kienu twettqu, għaliex il-muniti ta' De

Rohan huma tassew eżatti fl-użin u fis-safa tagħhom. Ir-rendikonti finanzjarji taz-zekka juru wkoll li dan l-istabiliment, għalkemm ħadem b'telf f'ċerti snin, fl-aħħar mill-aħħar għamel qliegħ ta' aktar minn 25,000 Skud bejn is-snin 1778 u 1788. Minkejja dan, il-qagħda finanzjarja ta' l-Ordni baqgħet sejra lura ħafna u bil-kbir fi żmien De Rohan, ħtija ta' l-iżviluppi li seħħew barra minn Malta. Il-qagħda ekonomika ta' Malta kienet tiddependi l-aktar mid-dħul bla heda ta' flus minn barra. Ħafna minn dawn il-flus kienu jiġu minn "responsions", jiġifieri, minn ħlasijiet mid-dħul mill-għadd kbir ta' oqsma li kellha l-Ordni fl-Ewropa. Iżda matul ir-Revoluzzjoni Franċiża ħafna minn din il-proprjeta' hekk fejjieda sfat ikkonfiskata u ħafna Kavallieri ħarbu lejn Malta. Billi issa l-Ordni ftit kellha flus, hi kellha tidħol għal djun enormi kemm f'Malta kif ukoll barra sabiex tibqa' twettaq il-bosta ħidmiet tagħha, u biex tagħmel tajjeb għal dan it-telf, l-Ordni kellha ddewweb fi flus il-fided tax-xwieni kif ukoll it-tagħmir tal-fidda tal-Palazz tal-Granmastru, ta' l-Isptar u ta' postijiet oħrajn.

Iz-Zekka ta' l-Ordni baqgħet taħdem tul is-saltna ta' sentejn ta' Ferdinand von Hompesch (1797-98), li kien reħa lil Malta f'idejn il-Franċiżi bla ma pprova jiqfilhom bis-serjeta' meta dawn niżlu Malta f'Ġunju ta' l-1798.